

- 2) F'każ ta' risposta pożittiva għad-domanda 1), ir-Renju Unit huwa awtorizzat jimponi fuq korpi li ma għandhomx skop ta' lukru rregolati mid-dritt pubbliku l-kundizzjoni prevista fil-punt d) tal-Artikolu 133 tad-Direttiva 2006/112, mingħajr ma japplika wkoll din il-kundizzjoni għal korpi li ma għandhomx skop ta' lukru li ma humiex irregolati mid-dritt pubbliku?
- 3) F'każ ta' risposta pożittiva għad-domanda 2), ir-Renju Unit huwa awtorizzat jeskludi mill-benefiċċju tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 132(1)(m) il-korpi pubbliċi kollha li ma għandhomx skop ta' lukru mingħajr ma jkun ivverifika fuq bażi ta' każ b'każ jekk l-għoti ta' din l-eżenzjoni tistax toħloq distorsjonijiet tal-kompetizzjoni għad-detriment tal-impriżi kummerċjali suġġetti għall-VAT?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Court of Appeal (Ireland) fit-2 ta' Diċembru 2015 –  
Minister for Justice and Equality vs Tomas Vilkas**

(Kawża C-640/15)

(2016/C 059/06)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Qorti tar-rinviju**

Court of Appeal

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Minister for Justice and Equality

Konvenut: Tomas Vilkas

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 23 tad-Deċiżjoni Qafas <sup>(1)</sup> jipprevedi jew/u jawtorizza l-ftehim dwar data ta' konsenza ġdida iktar minn darba?
- 2) Jekk dan huwa l-każ, l-imsemmi Artikolu 23 jagħmel dan fxi waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin, jew f'kollha kemm huma: jiġifieri, meta l-konsenza tal-persuna rikjesta fi żmien il-perijodu stabbilit fil-paragrafu 2 kienet digħà prekluża minħabba ċirkustanzi li ma huma fil-kontroll tal-ebda Stat Membru, li wasslu għal ftehim dwar data ta' konsenza ġdida, u tali ċirkustanzi –
- i) jinstab li huma kontinwi; jew
- ii) wara li kienu waqfu, jinstab li qegħdin jerġgħu jseħħu; jew

iii) wara li kienu waqfu, qamu ċirkustanzi differenti li ipprekludew, jew jistgħu jipprekludu, il-konsenza tal-persuna rikhesta fi żmien il-perijodu rikkest relatat mal-imsemmija data ta' konsenza l-ġdida?

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/JHA, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenza bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, kif irrettifikata (ĠU L 17, 2009).

**Appell ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2015 minn Viasat Broadcasting UK Ltd mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (It-Tmien Awla) fl-24 ta' Settembru 2015 fil-Kawża T-674/11, TV2/Danmark vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-657/15 P)

(2016/C 059/07)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

**Partijiet**

Appellant: Viasat Broadcasting UK Ltd (rappreżentanti: M. Honoré u S. Kalsmose-Hjelmborg, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: TV2 Danmark A/S, Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Renju tad-Danimarka

**Talbiet tal-appellanti**

- tannulla l-punt 1 tal-parti operativa tas-sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-24 ta' Settembru 2015 fil-Każ T-674/11 TV2/Danmark vs Il-Kummissjoni (talba 1); u
- tannulla dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-24 ta' Settembru 2015 fil-Każ T-674/11 TV2/Danmark vs Il-Kummissjoni li permezz tagħha l-Qorti Ġeneral tilqa' t-tielet parti tal-ewwel talba tal-appellant (talba 2); u
- tilqa' t-talba tal-Kummissjoni fir-rigward tar-rikors għal annullament ta' TV2 u tar-Renju tad-Danimarka; u
- tordna lil TV2/Danmark u lir-Renju tad-Danimarka, rikorrenti fl-ewwel istanza, sabiex iħallsu l-ispejjeż ta' Viasat.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Fir-rigward tal-ewwel talba, Viasat tissottommetti li l-Qorti Ġeneral ddeċidiet, b'mod żbaljat, li l-Kummissjoni kienet żbaljat meta sostniet li d-dħul mir-reklamar mitlub minn TV2 Reklame A/S fl-1995 u fl-1995 kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

Viasat tissottommetti wkoll li d-dħul mir-reklamar mill-1995 u mill-1996 kien ifisser trasferiment tar-riżorsi tal-Istat, peress li d-dħul mir-reklamar kien jgħaddi għand il-kumpannija TV2 Reklame A/S u t-TV2 Fund, li t-tnejn li huma kien taħt kontroll tal-Istat. Barra minn hekk, l-użu attwali tar-riżorsi kien ġie deċiż mill-Ministru għall-Kultura (Kulturministeren) u mill-Kunitat Parlamentarju għall-Finanzi (Folketingets Finansudvalg). Il-Qorti Ġeneral kienet ukoll żbaljat meta sostniet li TV2 kellha dritt għar-riżorsi tal-TV2 Fund jew partijiet minnu.

Fir-rigward tat-tieni talba, Viasat tissottometti li l-Qorti Ġeneral żbaljat meta laqgħet it-talba tar-rikorrenti li t-tieni rekwiżit ta' Altmark kien intlaħaq fil-każ (paragrafi 88-111). Viasat tosserva li, fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġeneral tikkunsidra unikament l-interpretazzjoni tad-deċiżjoni appellata li l-Kummissjoni, skont il-Qorti Ġeneral, kellha tissottometti fit-talbiet bil-miktub tagħha quddiem il-Qorti Ġeneral, mingħajr ma eżaminat id-dikjarazzjoni ta' motivi fid-deċiżjoni appellata. Ma hemm xejn fil-paragrafi 114 sa 116 tad-deċiżjoni appellata li juri li t-tieni rekwiżit ta' Altmark jinkludi rekwiżit ta' effiċjenza fuq il-persuna li tirċievi l-kumpens.

Il-Qorti Ġeneral għalhekk kellha tieħu deċiżjoni dwar jekk il-Kummissjoni tistax ġustament titlob, fir-rigward tat-tieni rekwiżit ta' Altmark, li mhux biss għandu jkun hemm prevedibbiltà fir-rigward tad-dħul futur mir-reklamar ta' TV2 (jigħifieri, dħul), iżda wkoll l-ispejjeż fir-rigward tal-kalkolu tal-kumpens.